MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 166/2014

**Bank of Valletta plc**

**(C 2833)**

**vs**

**Joseph Johan Manicaro**

**(ID 574477M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Mejju 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disat elef, mija u disgha u sebghin Euro u sitta u tletin

centezmu (€9,179.30) rapprezentanti bilanc ta' *Loan Account* mahrug mas-socjeta rikorrenti u pendenti, kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 1791/12 kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni u bl-imghax mit 12 ta' April 2014.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fit 2 ta’ Gunju 2014, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali, Tarxien u l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Tarxien (fol 19 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fl-1 ta’ Lulju 2014 (fol 18) u fil-gazzetti l-Orizzont fl-10 ta' Lulju 2014 u Malta Independent fil 11 ta’ Lulju 2014 (fol 22 u 23).

Illi fis-seduta ta' l-10 ta’ Novembru 2014 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 27).

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2014 il-konvenut deher u ikkonferma bil-gurament illi l-ammont ollu kien dovut lis-socjeta rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-konvenut jghid li d-debitu huwa dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disat elef, mija u disgha u sebghin Euro u sitta u tletin centezmu (€9,179.30) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax mit-12 ta' April 2014 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------